# LIL MALTA

**Ta' Oliver Friggieri**

Tistenna qatt ja Malta li minn qalbi
għalik toħroġli l-għanja tal-foħrija.

Jien ma ngħannix il-ġmiel qaddis li tnaqqax
fil-wisa' tal-ġebliet fit-tempji qodma
mitluqa, jew il-fdal mirqum li ġabru
uliedek ġewwa l-ħġieġ. Anqas ma ngħanni
il-ħila tal-qalbiena li ma' ġismek
xerrdu kburin kull qatra demm li tajthom
biex bnewlek isem akbar mill-jedd tiegħek.
Anqas is-seher tal-bajjiet marbuta
max-xtut li qed jgħolluk fuq baħar ħiemed
li jaf jilgħab bl-ilwien tal-qiegħ moħbija
u joħloq elf fuq sidru u jerġa' jħassar
u jġib, bħal priżma ddur iddur imdendla
taħt xemx ta' Ġunju. Jew ix-xemx li tħobbok
kuljum u ġġib mill-bogħod il-flus fi djarek,

u ssaħħaħ il-frott tajjeb li jitbiddel
f'għasel maħlul kif taqsmu f'ħalqek. Anqas
is-sema li jixgħelli l-fantasija
bil-versi mwielda miegħi, kif fl-għaxija
ibus il-ward imbexxaq bi qtar ħelu
jew jikteb fuqu l-kliem sigriet ta' mħabba
bid-dawl ta' qamar mimli. Anqas il-ħajja
li tajtni ta' poeta.

Dal-kobor ħolmu bih poeti qabli
u inti tkabbart bih.

Jien ngħanni, Malta, l-jasar li rak tinżel
b'xuxtek ma' l-art biex tqim lil kull setgħani
li xtrak u tlissen wara kelmtu l-ħalfa
ta' xewqtu ħdejn l-allat li ġieblek miegħu.
Jien ngħanni, Malta, l-bluha ta' Vassalli
li ħolom l-ewwel fidwa w b'kelma kbira
sejjaħlek għall-ħelsien, u l-ġenn li wassal
lil Dun Mikiel jinħaraq fuq artalek.

Jien ngħanni d-dnub etern ta' min elf darba
ħalef li hu taljan quddiem il-folol
u seħet demmu u demmek għaliex malti.
U l-qlub żonqrin li ċaħħdu lill-Poeta
mill-jedd tal-ġieħ li tefgħu fuq ħaddieħor.
Jien ngħanni l-moħħ marid li fl-apatija
jistqarr iċ-ċokon tiegħu. Ngħanni l-għaqal
ta' min jifred l-ulied mill-omm u jibgħat
id-demm żagħżugħ fl-eżilju biex barrani
iqassam ġidu hawn lix-xjuħ li jifdal
qabel imutu.

Jien ngħanni s-saħta tiegħek sakemm ismek
jinħall fix-xemx u l-ħrafa ta' Settembru
tintesa għal dejjem; sakemm inti tegħreq
u tgħib f'Mediterran li jerġa' jtella'
mill-qiegħ il-fdal maħsul ta' Malta ġdida.

Imbagħad, imbagħad inħobbok.